MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-4 ta' April, 2012

Numru. 359/2012

***Il-Pulizija***

***(Spettur Geoffrey Azzopardi)***

***vs***

***Ayouba Nombre Yahaya***

***Illum 3 t'April 2012***

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra **Ayouba Nombre Yahaya** ta' 22 sena, iben Ayouba Nombre Yahaya u Alima, mwieled Burkina Fasi fil-11 ta' Gunju 1989 u joqghod Safi Detention Centre Nru. Tal-Pulizija 11D-102;

> Talli harab minn post ta' kustodja ai termini tal-Artikoli 151 u 160 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fejn hu ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fejn qal li harab minn fuq il-post ghax hass li ma kienux qed jiehdu hsiebu;

Semghet lill-prosekuzzjoni tghid li l-imputat kien gie minn jeddu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u dan wara li kienet inqalghet kwistjoni bejn l-imputat u terza persuna;

Il-Qorti rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll rat l-Artikolu 151 u 160 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi kif kienet infurmata mill-prosekuzzjoni li l-imputat ser jerga jintbaghat issa fid-Detention Centre sabiex ikompli jiskonta l-perjodu ta' detenzjoni.

Filwaqt li ssibu hati, tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------